**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 83 L-ERBGĦA 20 TA' FRAR 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi-Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Joe Spiteri | Kunsillier |
| Skużati | Alexander Agius | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv (SE) |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet* kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook*.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li l-Kunsillier Alexander Agius infurmah li ma kienx se jlaħħaq jattendi fil-ħin u jittama li jlaħħaq jiġi għal laqgħa minħabba esiġenzi tax-xogħol.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Fir-rigward tal-para. 14.5, il-kunsillier Spiteri kien ippropona sabiex isir perspex li għandha tinkludi il-lista tal-Kunsillieri u oħra għas-SE'i. Minħabba li ma kienx ċar x'għandu jsir fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tal-Kunsill, kien hemm qbil li għandu jkun iffurmat sottokumitat magħmul mill-Kunsillieri Sciberras, Brincat u Gatt biex jipproponu x'għandu jsir. Il-Kunsillier Spiteri Dan sar wara li pproponiet is-Sindku u ssekonda il-Viċi Sindku.

2.3 Il-minuti ġew approvati fuq proposta tas-Sindku issekondata mill-Kunsillier Galea. Dawn ġew ffirmati mis-Sindku u s-SE.

2.4 Is-SE informa li ma kien laħħaq ipprepara l-minuti tal-laqgħa b'urġenza u għalhekk se jkun qiegħed iressaqhom fil-laqgħa li jmiss.

3.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku iddiskutiet dwar l-attività ta' Jum il-Mara bit-titlu 'Il-Karriera tal-Mara fis-Soċjeta'. L-attività f'forma ta' laqgħa se ssir nhar it-8 ta' Marzu 2019.

4.2 Is-Sindku kellha laqgħa ma' studenti mill-Iskola Giovanni Curmi rigward il-problema ta' qsim fejn il-mitħna tal-Għaqba. Hija spjegatilhom il-ħsibijiet tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

4.3 Fl-1 ta' Frar 2019 is-Sindku kellha laqgħa ma' Julian Zarb fejn iddiskutew il-persuni li se jitkellmu fuq l-istroja tan-Naxxar u jiġbru l-imsemmija nformazzjoni fi ktieb.

4.4 Is-Sindku semmiet ukoll rigward il-laqgħa li kellha mal-Ispettur tal-Pulizija fuq is-sigurtà lokali.

4.5 Fit-8 ta' Frar 2019 is-Sindku kellha laqgħa mal-offerent tal-garaxx bil-għan li possibilment inaqqas il-prezz. Madanakollu huwa żamm iebes u bl-ebda mod ma ried inaqqas mill-offerta tiegħu. Għalhekk ix-xiri se jsir skont l-offerta oriġinali.

4.6 Is-Sindku attendiet għal-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

4.7 Is-Sindku tkellmet dwar laqgħa li kellha ma Dr. Julian Mamo fejn ġie diskuss rotot għaċ-ċikliżmu ġewwa n-Naxxar. Hija esprimiet it-tama li nibdew bil-proċess meħtieġ fl-iqsar żmien possibli.

4.8 Fit-13 ta' Frar 2019 is-Sindku ltaqgħet mal-Komunità Sirjana fejn iddiskutew diversi suġġetti b'relazzjoni mal-użu tal-art fl-inħawi ta' Qalet Marku.

4.9 Għal laqgħa Plenarja tal-AKL li saret fi 15 u s-16 ta' Frar 2019, ġewwa Għawdex, attendew is-Sindku, is-SE kif ukoll il-Kunsillier Maryanne Cuomo.

4.10 Kien hemm laqgħa mas-Sur Micheal Cohen ta' TM fejn attendew is-Sindku, is-SE kif ukoll il-Kunsillier Gatt u ġie diskuss *un/loading bay* ta' ħdejn il-Miracle Foods. Intqal illi l-post fejn saret, kien bi żball u għaldaqstant se ssir aktar il-fuq.Il-Kunsillier Gatt mar fuq il-post mal-uffiċjal ta' TM u kien hemm qbil fuq il-post eżatt fejn kellha tiġi kif ukoll li jsir *refreshing ta' yellow lines* ta' ħdejn it-*traffic lights*.

4.11 Fil-laqgħa mas-Sur Cohen ġie diskuss ukoll il-*road humps* ta' Baħar iċ-Ċagħaq fejn kien ikjarrifikat illi dawn huma responsabbli għalihom Infrastructure Malta u mhux Transport Malta. Rigward il-*un/loading bay* ta' ħdejn il-ValYou il-Kunsill xorta ma qabilx iżda ħalliha f'idejn TM. . Fi Triq Buzjett se ssir *stop sign* kif ukoll *traffic bollards* f'nofs tat-triq.

4.12 F'din il-laqgħa ġew diskussi l-*bollards* ta' ħdejn Scotts Supermarket li TM kienu neħħew. Is-Sur Cohen talab biex issir applikazzjoni mill-ġdid biex tkun ikkunsidrata. Fl-istess laqgħa ssemma wkoll is-sinjal tan-nofs fi Triq tal-Labour ħdejn Villa Mdina.

4.13 Is-Sur Cohen informa dwar il-possibiltà li quddiem negozji, speċjalment fejn isiru *un/loading bays* bil-ħin, għall-kumplament tal-ġurnata jistgħu isiru wkoll b'ħin limitat ta' 15-il minuta.

4.14 Is-Sindku qajmet il-punt rigward it-talba għal *un/loading bay* quddiem tal-ħaxix li hemm fi Vjal 21 ta' Settembru. Infurmat li qed tinġabar petizzjoni

minn għand il-ħwienet kollha tal-akwata sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom fejn għandha ssir il-*un/loading bay.*

4.15 Is-Sindku infurmat li se jiddaħħal proġett taħt il-programm *network of towns* bejn Coreno Ausonio, Agia, Novo Mesta u Strumyani.

4.16 Is-Sindku semmiet li qed ikun ippjanat *'Mini Art Festival'* fl-ewwel ġimgħa ta' April fejn se jieħdu sehem il-Higher Secondary u l-Middle School flimkien ma' artisti lokali u barranin. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

4.17 Is-Sindku infurmat li fuq talba li kellha għal proġett daħħlet f'kuntatt organizzazzjoni mil-Litwanja u l-Middle School sabiex isir proġett tal-Erasmus school partnership.

4.18 Ġie diskuss il-Proġett ta' Xatt il-Palm fejn intqal illi l-Perit ħoloq proġett mill-isbaħ. Il-Kunsill se jitkellem mal-Ministri għall-fondi.

4.19 Ġie diskuss il-Ġnien Santa Marija tal-Anġli rigward ir-respnsabiltà tiegħu. Is-SE informa li għad hemm kwistjonijiet relatati mad-dawl.

4.20 Is-Sindku rċiviet diversi lmenti rigward it-traffiku li qed ikun hemm fil-viċinanzi ta' Villa Mdina. Is-Sindku ssuġerit li l-Kunsill jistaqsi għal data stabbilita ta' meta se jitlesta x-xogħol.

4.21 Fl-20 ta' Frar 2019, is-Sindku ltaqgħet mal-Kummissjoni Żgħazagħ Peace Band Club fejn se ssir attivita' ta' tberik tal-annimali u pproponew li ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. L-imsemmija attività se ssir il-Ħadd 31 ta' Marzu 2019. Il-Kummissjoni Żgħażagħ talbet lill-Kunsill sabiex isir permes biex tingħalaq it-triq u jkun hemm il-preżenza tal-Pulizija fuq il-post. Il-Kunsill qabel.

4.22 Is-Sindku u s-SE kienu mistiedna għaċ-ċelabrazzjonijiet tal-150 anniversarju tal-Kunsill ta' Mornago. Din se ssir fit-23 u l-24 ta' Frar 2019. Il-Kunsill qabel li jattendu.

4.23 Ntbagħtet imejl mingħand TM sabiex isiru erba' (4) *charging pillars* ġewwa l-lokalità tan-Naxxar. Il-Kunsill qabel sabiex dawn isiru ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, is-Salina, Ħniena Divina kif ukoll ġewwa Sgħajtar u jkunu evitati postijiet ċentrali.

4.24 Is-Sindku semmiet il-*Community Project* fejn tfal bejn 8 u 13-il sena jibdew jisimgħu stejjer minn kotba

## 5. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

5.1 Il-Kunsillier Sciberras staqsa mistoqsijiet lis-Sindku li kienu għaddew qabel il-laqgħa. Ir-risposti jinsabu annessi f'appendiċi A.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsillier Brincat iddikjara konflitt ta' interess fir-rigward tal-lista ta' pagamenti.. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'appendiċi B wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Sciberras.

6.2 Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'appendiċi Ċ, D u E rispettivament.

6.3 Ir-Rapporti finanzjarji ta' kull kwart ġew approvati. Dawn id-dokumenti huma annessi f'appendiċi F u Ġ.

6.4 Il-Kunsill qabel sabiex tinxtara is-sistema ta' sistema kompjuterizzata ta' CRM minn kumpanija Zendesk sabiex tgħin rigward it-trattar tal-ilmenti, statistika kif ukoll titjib fir-relazzjoni pubblika.

6.5 Is-Sindku ressqet mozzjoni rigward it-tbattil tal-bir ta' Pjazza Ċelsi. Din kienet issekondat mill-Kunsillier Sciberras. Il-Kunsill approva *nem con*. Kopja tar-riżoluzzjoni hija annessa f'H.

6.6 Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex jiġi skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien 7.08p.m.

6.7 Ġie diskuss rigward il-kuntratt tal-avukat dwar jekk għandux jinħareġ sejħa tal-offerta jew *direct order.* Il-ħlas tal-avukat ma jaqbiżx il-€5,000 fis-sena. Il-Kunsill qabel sabiex jinżamm l-istess avukat permezz ta' *direct order* u jekk ikun il-każ li jeħtieġ xogħol aktar speċjalizzat iqabbad avukat ieħor skont il-każ.

6.8 Il-Kunsill qabel li jordna *writing pads* bil-*letterhead* tal-Kunsill.

## 7. IL-PROĊEDURI TAL-OFFERTI TAL-KUNSILL

7.1 Fuq talba tas-Sindku s-SE spjega fid-dettal il-proċess ta' sejħa tal-offerti. B'dan il-Kunsillieri setgħu jifhmu aktar għaliex il-proċess jieħu fit-tul.

## 8. TISMIJA TA' TOROQ

8.1 Is-SE ressaq il-proposti tal-ismijiet għal toroq u żoni bla isem. L-ismijiet kienu diġà approvati iżda ma kinux allokati mat-toroq.

8.2 Il-Kunsillier Spiteri ppropona li l-fetħa ta' Triq Raheb Kurradu ma' Triq V. Boron u Triq Santa Fawstina Kowalska tissemma Misraħ in-Nutar Spiteri. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.3 It-triq bejn Triq Nawfraġju u Triq Markiż Scicluna (li parti minnha għad trid tinfetaħ) tissemma Triq il-Kunsillieri.

8.4 Il-fetħa ta' bejn Triq il-Qoton u Triq it-Tuffieħ tissemma Wesgħet il-Frott.

8.5 Il-Viċi Sindku semma li t-telgħa tal-iskejjel m'għandiex isem u għalhekk irrakkomandat l-isem Triq Toni Catania. Il-Kunsill qabel li jikkonsidra din il-proposta aktar il-quddiem.

8.6 Il-Viċi Sindku talab li jiġi skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien 7.37p.m.

## 9. XOGĦLIJIET TA' BANKINI

9.1 Is-SE spjega rigward ix-xogħlijiet li l-kuntrattur qed jagħmel preżentament u bankini oħrajn li għad irridu jsiru.

9.2 Il-Kunsillier Gatt ippropona li l-bankina ta' Triq Leli Falzon għal issa ma ssirx minħabba li fl-imsemmija triq se jsir proġett ta' Infrastruttura Malta.

9.3 Is-SE staqsa lill-Kunsillieri jekk isibux oġġezzjoni li l-kuntrattur jaħdem fuq il-bankina ta' Triq l-Oratorju l-Ħadd 3 ta' Marzu 2019 biex jilħaq ilesti x-xogħol qabel ma jirritornaw it-tfal l-iskola mill-vaganzi tal-karnival. Il-Kunsill qabel.

9.4 Il-Kunsill qabel mal-lista tal-bankini u qabel ukoll li min ikun irid jippropona aktar bankini jiġu nklużi.

9.5 Is-SE fakkar li l-lista hija aċċessibli għall-Kunsillieri kollha.

**10. PROĊESS GĦAL BINI TAS-SALA TAL-KUNSILL**

10.1 Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess għall-bini tas-sala fuq il-Kunsill kif għandu diġà l-permess. Dan huwa skont il-baġit tal-Kunsill għal din is-sena.

**11. TIBDIL TAL-BANKINA U TISBIEĦ F'LABOUR AVENUE**

11.1 Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess ta' tisbieħ u bankina ġdida bejn il-Każin Peace sa Pizza Planet. Dan huwa skont il-baġit tal-Kunsill għal din is-sena.

**12. PROĠETT TA' LELI FALZON**

12.1 Il-Kunsill qabel sabiex jibda l-proċess skont il-kunċett tal-Perit fiż-żona quddiem il-Mitħna. Però fid-dawl li Infrastructure Malta (IM) se tibni mill-ġdid Triq Leli Falzon, il-Kunsill se jiddiskuti ma' IM sabiex possibilment jiġi nkluż fil-proġett.

**13. PROGETT TA' LAMPI ĠODDA FI TRIQ IL-MARKIŻ SCICLUNA**

13.1 Kien hemm qbil mill-Kunsill sabiex jinbeda l-proċess biex fi Triq il-Markiż Scicluna jkunu installati lampi ġodda simili għal dawk li se isiru fi Triq Santa Luċija. Dan huwa skont il-baġit tal-Kunsill għal din is-sena.

**14. ATTIVITAJIET**

14.1 Rigward l-attivitajiet ta' Jum il-Mara u t-Tberik tal-annimali, is-Sindku semmiethom fil-bidu tal-laqgħa fejn hemm kommunikazzjoni mis-Sindku.

**15. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

15.1 Il-Kunsill qabel li l-lagħa li jmiss issir fl-26 ta' Marzu fil 5.30pm

15.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |